MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 14/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph k/a Giuseppe Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph k/a Giuseppe Borg talli fit-8 ta’ Lulju 2003 u/jew fil-jiem ta’ qabel bhala persuna responsabbli ghall-gestjoni tal-Limelight Hotel li tinsab fi Triq Gulju ic-Centurjun, Bugibba, u bhala Direttur tas-socjeta` Limelight Hotels Ltd, li tmexxi l-istess stabbiliment mexxa jew opera attivita` turistika cioe` ‘Limelight Hotel’ fi Triq Gulju ic-Centurjun, Bugibba minghajr ma’ kellu licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Jannar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph k/a Giuseppe Borg hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih u, wara li rat l-artikolu 43 tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal multa ta’ elf liri Maltin (Lm1000);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Joseph k/a Giuseppe Borg ipprezentat fit-28 ta’ Jannar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkancella, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull htija jew alternattivament tirriforma s-sentenza appellata, billi tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena u tikkonfermaha fil-kumplament;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Ma setax jinstab hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta peress illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx illi huwa direttur tas-socjeta` Limelight Hotels Ltd.; (2) Minghajr pregudizzju, mill-provi prodotti l-ewwel Qorti ma setghetx tasal biex issib htija – irrizulta li ma kienx il-*licensee* tal-lukanda in kwistjoni, li l-MTA baghtet ittri lil Carmelo Bartolo li kien ilu mejjet xi ghaxar snin u ittra lill-appelalnt intbaghtet tlett ijiem biss wara *on-site inspection*, li m’hemm l-ebda prova li dawn l-ittri waslu ghand min kellhom jaslu, u ghalhekk anke jekk l-appellant kien qed jiggestixxi l-lukanda in kwistjoni, m’hemmx prova li huwa gie interpellat biex jiddezisti milli jopera l-istess lukanda u/jew li l-lukanda ma kellhiex licenzja sabiex topera; (3) Il-piena hi eccessiva meta jitqies li l-appellant ghandu fedina penali netta u huwa *first time offender*.

Dwar l-ewwel aggravju, jinghad l-ewwelnett illi l-appellant gie akkuzat “bhala persuna responsabbli ghall-gestjoni tal-Limelight Hotel … u bhala direttur tas-socjeta` Limelight

Hotels Ltd.” Mill-provi prodotti ma hemm l-ebda prova li l-appellant huwa direttur ta’ l-imsemmija socjeta`. L-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta’ Malta pero` jipprovdi, *inter alia*, li huwa hati ta’ reat kull min imexxi xi attivita` turistika minghajr ma jkollu licenzja. Ghalhekk filwaqt illi l-appellant kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni li mexxa attivita` turistika minghajr licenzja fil-kwalita` ta’ direttur tas-socjeta` msemmija, seta’ xorta jinstab hati (kemm-il darba jirrizulta mill-provi) ta’ l-istess reat bhala persuna responsabbli ghall-gestjoni tal-lukanda msemmija.

It-tieni aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ix-xiehda mismugha mill-ewwel Qorti tista’ tigi riassunta kif gej:

**Eleanor Mifsud Cardona** mill-Malta Toursim Authority xehdet illi fis-17 ta’ Gunju 2003 kienu marru l-Limelight Hotel u sabuha miftuha ghalkemm suppost kienet maghluqa. Kellmu lill-appellant li tahom *guest list*. Hija rreferiet ghal ittra tat-18 ta’ Marzu 2003 mibghuta minn Mario Attard (b’dan illi l-ittra li hija esebiet u li giet immarkata bhala Dok. A hija ittra tas-17 ta’ Gunju 2003 li tirreferi ghal ittra tat-18 ta’ Marzu 2003 u hija indirizzata lil “Carmelo Bartolo”). Ix-xhud kompliet tispjega li meta dahlu fil-lukanda kien hemm in-nies, kellmu lir-*receptionist* u kellmu lill-appellant li kellu l-ufficini wara l-lukanda. Id-diskors bejniethom kien li *“ahna ghidnilu veru li qed topera l-hotel, qalilna iva qed topera l-hotel u taghna l-guest list”* (Dok. B). Imbaghad intbaghtet l-ittra Dok. C *by registered post* lill-appellant. In kontro-ezami x-xhud qalet li l-permessi tal-lukanda jghajtu lil Carmelo Bartolo izda s-sid huwa l-apepllant ghax *“hu jghid li hu s-sid tal-hotel”*. Meta giet attirata l-attenzjoni tax-xhud ghal diskrepanza fid-sdati bejn dak li xehdet u d-dokumenti esibiti, hija kkorregiet ruhha u qalet li l-ordni biex jaghlaq il-lukanda nharget fis-17 ta’ Gunju 2003 u l-ispezzjoni saret fit-8 ta’ Lulju 2003. Mistoqsija jekk hux minnu li lill-appelalnt qatt ma avzawh biex ma jirreklamax jew jopera l-proprjeta` bhala lukanda, ix-xhud wiegbet li x-xoghol taghha kien biex tmur tara jekk il-lukanda kinitx qed topera. Ikkonfermat li l-ittra tas-17 ta’ Gunju 2003 kienet indirizzata lil Carmelo Bartolo li kien ilu mejjet ghaxar snin. In ri-ezami, ix-xhud giet mistoqsija jekk

waqt l-ispezzjoni tat-8 ta’ Lulju 2003 ghamlux referenza lill-appelalnt ghall-ittra tas-17 ta’ Gunju jew dik tat-18 ta’ Marzu, u x-xhud wiegbet li rreferew ghall-ittra tas-17 ta’ Gunju 2003 u qalulu li *“legal action shall be taken”*. Mistoqsija dwar ir-reazzjoni ta’ l-appellant u kienx jaf dwar l-ittra, hija wiegbet: *“Iva kien jaf. Skond hu kien jaf. Ma qalilniex li ma rcevihiex.”* Prova tar-*receipt* ta’ l-ittra pero` ma kellhiex.

**John Magri** li wkoll jahdem mal-Malta Tourism Authority, xehed li fit-8 ta’ Lulju 2003 assista lil Eleanor Mifsud Cardona biex marru fil-Limelight Hotel li suppost kienet maghluqa ghax minghajr licenzja u sabuha *in operation*. Staqsew biex ikellmu lil sid il-post, kellmuh u qalilhom li *“vera qed jopera”*. Dan kien l-appelant. Talbuh ghal-lista tan-nies li kienu gol-lukanda. Huwa gharaf il-lista esebita fl-atti bhala l-lista li tahom l-appellant. Huma qalulu *“taf li qed topera bla licenzja”* u l-appellant ammetta li rcieva ittra minghand Mario Attard li l-lukanda qed topera bla permess u indirizzata lil-*licensee* Carmel Bartolo. Meta staqsew lir-*receptionist* biex ikellmu lil sid il-lukanda *“kkuntattjat lil Joseph Borg li l-ufficcju tieghu huwa ezatt ma’ genb il-hotel u morna nkellmuh, hu ma kellu l-ebda problema li nkellmuh u kellimnieh normali u ammetta li dak iz-zmien kien qed jopera.”*

Minn dak li xehdu dawn iz-zewg rapprezentanti tal-Malta Tourism Authority huwa evidenti, u mhux kontradett bl-ebda prova ohra, li l-appellant kien a konoxxenza ta’ l-ittra tas-17 ta’ Gunju 2003 indirizzata lil Carmelo Bartolo fejn jinghad li *“the licence will not be renewed in 2003. You are therefore advised not to advertise or operate the property as a hotel.”* Jidher li dan Carmelo Bartolo kien ilu mejjet xi ghaxar snin. Nonostante dan, il-lukanda in kwistjoni kienet ghadha qed topera minghajr ma min kien responsabbli jinforma lill-awtoritajiet dwar il-mewt ta’ Bartolo u b’hekk jinbidel isem il-*licensee*. Meta Eleanor Mifsud Cardona u John Magri ghamlu l-ispezzjoni fuq il-post, gew indirizzati lill-appellant li kien hu li tahom il-*guest list*, li ammetta li kien jaf bl-ittra tas-17 ta’ Gunju 2003, u li ammetta li l-lukanda qed topera. Fl-ebda waqt ma nnega li kellu

x'jaqsam mal-gestjoni tal-lukanda. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk it-tieni aggravju qieghed jigi respint.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena li jqis bhala wahda eccessiva peress illi ghandu fedina penali netta u huwa *a first time offender*. Din il-Qorti ezaminat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant u minnha ma jirrizultax li hija wahda netta. Difatti minnha jirrizulta, almenu *prima facie*, li fost ohrajn instab hati li "<u>bhala l-persuna responsabbli tal-lukanda Limelight</u> u tal-lukanda International li jinsabu Bugibba, impjega persuni li ma kinux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu u ufficjali" (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Dicembru 1997), li "<u>fil-kwalita` tieghek ta' direttur ta' Limelight Hotel Ltd</u> ta' Triq Gulju, Bugibba … nqast li tara kull lift jew parank stallat fl-istess stabbiliment tieghek ikun ezaminat sewwa minn persuna kompetenti …." (sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Mejju 2001), li "<u>fil-Limelight Hotel</u>, Triq ic-Centurjun, Bugibba (1) nqast li zzomm kull kamra tal-ikel hielsa minn dbieben, (2) nqast li tiehu l-mizuri li kienu ragonevolment mehtiega biex thares l-ikel minn kull riskju ta' kontaminazzjoni fil-*'walk-in cold rooms'* …." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghaldaqstant anke t-tielet aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi tirrevokaha in kwantu ddikjarat lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Limelight Hotels Ltd. izda tikkonfermaha fil-bqija u cioe` fejn huwa nstab hati li bhala persuna responsabbli ghall-gestjoni tal-Limelight Hotel li tinsab fi Triq Gulju c-Centurjun, Bugibba, mexxa jew opera attivita` turistika cioe` 'Limelight Hotel' fi Triq Gulju ic-Centurjun, Bugibba minghajr ma' kellu licenzja mahruga mill-awtorita` kompetenti, kif ukoll in kwantu kkundannatu ghal multa ta' elf liri Maltin (Lm1,000) ekwivalenti issa ghal elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmi (€2329.37).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------